

Brussell, 24 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7661/26

UEM 112  
ECB

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Sa Christine LAGARDE, President tal-Bank Ċentrali Ewropew  
data meta waslet: 23 ta' Marzu 2026  
lil: Is-Sur Thomas WESTPHAL, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Suġġett: Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Marzu 2026 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) (BĊE/2026/8)

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ECB/2026/8.



**BANK ĊENTRALI EWROPEW**  
EUROSISTEMA

MT

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tat-18 ta' Marzu 2026**

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Българска народна банка  
(Bank Nazzjonali Bulgaru)  
(BĊE/2026/8)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali ta' Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru), Ernst and Young Audit OOD, se jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2026. Mill-1 ta' Jannar 2026, Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) huwa soġġett għall-Artikolu 27.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-Kunsill Governattiv tal-BĊE jirrakkomanda u l-Kunsill japprova l-awdituri esterni attwali għas-sena finanzjarja 2026,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rakkomandat li Ernst and Young Audit OOD għandhom iwettqu l-awditu estern ta' Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) għas-sena finanzjarja 2026.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Marzu 2026.

*Il-President tal-BĊE*

Christine LAGARDE